MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 241/2002/1

**Carmelo sive Chalres Muscat bhala prokuratur ta' l-assenti Giuseppa Galea u Maria Assunta Muscat, Rita Bezzina, Beatrice Muscat u Francis sive Tarcisio Galea f'ismu propriu u bhala prokuratur ta' l-assenti John Galea**

**Vs**

**Silvio Roberts**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jizgombra mill-fond nru. 57, Giuseppe Callus Street, Mosta, u jikkonsenja c-cavetta lill-atturi fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss lill-konvenut minn din il-Qorti peress illi l-konvenut qieghed jokkupa u jiddetjeni l-istess fond minghajr ebda titolu fil-ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-23 ta' Mejju, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza l-valur tal-kera huwa ta' erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm24) fis-sena.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-14 ta' Novembru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, tipprefiggi terminu ta' xahrejn sabiex il-konvenut jizgombra mill-fond 57, Triq Giuseppe Callus, Mosta, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg.